



Brussell, 13 ta' Mejju 2025
(OR. en)

8328/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0113(NLE)

LIMITE

CORLX 402
CFSP/PESC 607
RELEX 490
COEST 320
FIN 444

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru
833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li
jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja
li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/... ta' ... li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna¹⁺,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L, ..., ELI: ...

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' referenza u d-data tal-adozzjoni għad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 8326/25, u imla n-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti.

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 833/2014².
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jagħti effett lil ċerti miżuri previsti fid-Deċiżjoni 2014/512/PESK³.
- (3) F'..., il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/...⁺, li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK.
- (4) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/...⁺⁺ iżżid 31 entità ġdida mal-lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li tinsab fl-Anness IV tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK, jiġifieri l-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li jappoġġaw il-kumpless militari u industrijali tar-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni taġħha kontra l-Ukrajna, li fuqhom huma imposti restrizzjonijiet aktar stretti fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju, kif ukoll oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ teknoloġiku tas-setturi tad-difiża u tas-sigurtà tar-Russja. Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/...⁺⁺ tinkludi wkoll f'dik il-lista ċerti entitajiet f'pajjiżi terzi għajr ir-Russja li jikkontribwixxu indirettament għat-titjib militari u teknoloġiku tar-Russja u b'hekk jippermettu ċ-ċirkomvenzjoni tar-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, inkluż fuq vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord jew għodod bil-magna ta' kontroll numeriku bil-kompjuters.

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal- 31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/833/oj>).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal- 31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2014/512/oj>).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-adozzjoni u n-numru ta' referenza għad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 8326/25.

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' referenza għad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 8326/25.

- (5) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/...⁺ tespandi l-lista ta' oġġetti li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tar-Russja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u s-sigurtà tagħha billi telenka oġġetti li ntużaw mir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u oġġetti li jikkontribwixxu għall-iżvilupp jew il-produzzjoni tas-sistemi militari tagħha, inkluż prekursori kimiċi għal materjali enerġetiċi u spare parts għal għodod bil-magna.
- (6) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/...⁺ testendi d-durata ta' eżenzjoni mil-limitu massimu tal-prezz taż-żejt li tippermetti, fid-dawl tat-tħassib dwar is-sigurtà tal-enerġija, it-trasport, permezz ta' bastimenti, taż-żejt mhux maħdum li joriġina mill-Proġett Sakhalin-2 fir-Russja lejn il-Ġappun.
- (7) Ir-Russja qed issir dejjem aktar dipendenti fuq id-dħul mill-enerġija biex tiffinanzja l-gwerra ta' aggressjoni illegali tagħha kontra l-Ukrajna. Sabiex tkompli tillimita l-attività ta' bastimenti li huma parti mill-“flotta mistura” ta' tankers taż-żejt jew li jikkontribwixxu għad-dħul mill-enerġija tar-Russja, id-Deċiżjoni (PESK) 2025/...⁺ iżżid ukoll 189 bastiment mal-lista ta' bastimenti li tinsab fl-Anness XVI tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK, li huma pprojbiti milli jaċċessaw il-portijiet u l-imgħalaq tal-Istati Membri, kif ukoll milli jirċievu firxa wiesgħa ta' servizzi relatati mat-trasport marittimu.
- (8) Dawn il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha, hija neċessarja azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni.
- (9) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 833/2014 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' referenza għad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 8326/25.

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa emendat kif ġej:

- (1) l-Anness IV huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;
- (2) l-Anness VII huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness II ta' dan ir-Regolament;
- (3) l-Anness XXIX huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness III ta' dan ir-Regolament;
- (4) l-Anness XLII huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
